**Minuti tar-Raba' laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 3 ta' Mejju, 2012 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Josianne Cutuajar | Kunsillier |
| Miriam Portelli | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Charles Said.

2. **Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru tnejn tas-seba' Kunsill ġew ikkorruġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali. Il-minuti numru tlieta tas-seba' Kunsill ġew approvati, iffirmati u ddikjarat bħala documenti uffiċċjali.

3. **Servizz ta' l-Arriva.** Ġie diskuss is-servizz ġdid minn San Blas li l-Arriva ser tibda topera mis-27 ta' Mejju. Il-Kunsilliera qablu li għandha tintbagħat ittra lir-residenti kollha tan-Nadur b'informazzjoni tas-servizzi kollha li tipprovdi l-Arriva fin-Nadur. B'dan is-servizz ġdid ser ikun hawn erbgħa linji ta' trasport minn Nadur. Eucharist Camilleri issuġġerixxa li jkun hemm enfasi fuq is-servizzi minn l-Imgarr għan Nadur u vice versa.

4. **Skatepark.** Ġie diskuss il-proġett ta' kostruzzjoni ta' Skate Park fi Triq Xandriku li bħal issa jinsab wieqaf. Il-Kunsilliera qablu li jekk fil-futur dan il-proġett ikun ser issir għandha ssir laqgħa pubblika dwaru.

5. **Child Day Care Centre.** Is-Sindku flimkien mas-Segretarja għamlu laqgħa mal-kapijiet ta' l-Iskola Primarja u tad-Drama. Il-kapijiet ta' dawn l–iskejjel qablu ma' l-inizjattiva tal-Kunsill biex ikun hemm Child Day Care Centre fin-Nadur. Gie iddentifikat sit fin-naħa ta' l-Iskola tad-Drama fejn jista' jsir dan iċ-ċentru. Ġiet ikkuntatjata wkoll il-Ministru Dolores Cristina u għandha ssir laqgħa ma' rapprezentant mill-uffiċċju tagħha għal dan il-għan. Is-Segretarja għandha tikkuntatja lill-uffiċċju tal-MEUSEC dwar fondi mill-

Ewropa għal dan il-proġett. Is-Sindku issuġġerixxa li nitolbu l-għajnuna tal-parroċċa f'din l-inizjattiva wkoll. Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment.

6. **Community Work Scheme.** Il-Kunsill ġie notifikat mill-ETC li kellhom jiġu erbgħa persunu jaħdmu mal-Kunsill minn nhar it-Tnejn 30 ta' April taħt l-iskema tal-Community Work Scheme. S'issa persuna waħda biss irrappurtat ghax-xoghol mal-Kunsill.

7. **Attivitajiet ta' l-Imnarja.** Saret laqgħa tas-sotto kumitat organizzativ fejn ġew diskussi l-attivitajiet ta' l-Imnarja. Maria Natoli staqsiet dwar l-ispejjes ta' dawn l-attivitajiet peress li jidher li l-Kunsill ser jorganizza izjed attivitajiet mis-soltu. Is-Sindku informha li l-Kunsill diġa għamel xi talbiet għas-sponsors.

8. **Impjieg ta' Skrivan/a.** Joe Tabone li ġie maħtur biex ikun parti mill-board ta' għazla informa lill-Kunsill li hu talab permess mingħand id-direttur sabiex ikun parti minn dan il-board. Għadu qed jistenna risposta. Eucharist Camilleri issuggerixxa li l-Kunsill jitlob lista aġġornata ta' persuni eliġibli għal dan l-impjieg mingħand l-ETC peress li l-lista li hemm hija daqxejn antika u jista jkun li hemm aktar persuni minn fejn tista' tagħzel. Il-Kunsilliera qablu ma' dan is-suġġeriment.

9. **Sinjali Sofor.** Maria Natoli ġibdet l-attenzjoni li qed ikun hemm il-karozzi ipparkjati fuq is-sinjal l-isfar li hemm quddiem il-bring in sites fi Triq it-Tiġrija. Bil-karozzi wieħed ma jkunx jista' jieqaf biex ibattal l-iskart riċikklabbli kif ukoll minn ibbatal l-iskips ma jkunx jista jersaq biex ibbattal is-Segretarja għandha tinforma lill-gwardjani lokali dwar dan.

10. **Figolli.** Josianne Cutajar ġibdet l-attenzjoni li hi ma kienitx informata li din is-sena t-tqassim ta' figolli lit-tfal f'Ħadd il-Għid kien ser ikun sponsorjat mill-Kunsill. Is-Sindku qal li din l-attivita kienet avzata fil-programm li tqassam mal-bullettin f' kull dar . Din l-attivita ma kienetx organizzata mill-Kunsill u ma saret l-ebda stedina formali . Is-Sindku, il-Viċi Sindku u xi helpers għenu fit-tqassim tal-figolli peress li nzertaw fil-Knisja.

11. **Korrispondenza.**

(4240) Email mingħand Anna Vella (DLG) dwar dewmien fis-sottomissjoni tal-Financial Statements
(4241) Kopja ta' ittra ta' oggezzjoni dwar Applikazzjoni tal-Mepa PA00852/12 – Change of use from Class 4 to gaming parlour and proposed internal alterations
(4242) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar ħlas tas-servizz tal-banda
(4243) Email mingħand il-Ministru Cristina Dolores dwar Child Care centre
(4244) Ittra mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar paġna fir-rivista annwali.
(4245) Email mingħand Gwidu Vella (ETC) dwar skema xogħol fil-komunita'
(4246) Notification on Development Permit Application – Site at Triq Dun Anton Tabone c/w Triq Bingemma

(4247) Email mingħand Daniela Aquilina (Enemalta) dwar l-arja ta' fuq is-substation fi Triq it-Tramuntana
(4248) Rapport mill-Perit Emanuel Vella dwar bini fuq is-substation ta' l-Enemalta
(4249) Kwotazzjonijiet
(4250) Ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar is-Song Festival
(4251) Email mingħand Valerie Said dwar fund raising activity
(4252) Ittra mingħand Joe Camilleri u Anthony Galea, resident ta' Triq ta' Said dwar problema ta' l-ilma tax-xita
(4253) Ittra mill-Kummissjoni Żgħażagħ Imnarja dwar attivitajiet
(4254) Acknowledgement mit-Transport Malta dwar sinjali sofor
(4255) Memo 18/2012 Mistoqsija Parlamentari Numru 33851
(4256) Email mingħand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Ħlas għall-Tipping Fees
(4257) Ittra mit-Transport Malta dwar Proposti ta' Modifiki f'rotot ezistenti u introduzzjoni ta' rotot ġodda
(4258) Accessibility Audit mingħand il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'dizabilita' dwar Underground Shelter
(4259) Ittra mingħand il-kuntrattur Ivan Xuereb dwar il-kuntratt ta' knis ta' l-inħawi ta' San Blas
(4260) Memo 17/2012 Skema EGOV4U għall-Kunsilli Lokali
(4261) Ittra minghand l-Avukat Carmelo Galea f'isem Bingemma Properties Ltd. dwar il-passagg ta' Wied Bingemma.
(4262) Ittra minghand Connie Bonello dwar speed hump fi Triq tad-Duru

**12.** **Passaġġ ta' Wied Bingemma**. Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Carmelo Galea f'isem Bingemma Properties Ltd. Huma qed jallegaw li l-passaġġ li jibda minn quddiem l-Iskola Primarja tan-Nadur fi Triq it-Tiġrija u jwasal sa Triq Wied Bingemma huwa privat u għalhekk il-Kunsill m'għandux jagħmel xogħolijiet fiħ. Dan l-aħħar, il-Kunsill ħa ħsieb jaqta' l-ħaxix ħażin wara li ġie avviċinat minn xi nies li juzaw dan il-passaġġ biex jinqata' l-għaliex ma setgħux jgħaddu. Il-Kunsill ġie mitlub biex ineħħi x-xogħlijiet kollha li saru f'dan il-passaġġ mill-Kunsill, jippubblika l-avvizzi neċessarji sabiex jirrikonoxxi li dan il-passaġġ huwa wieħed privat u immedjatament jiddesisti milli ikompli jħeġġeġ lill-pubbliku biex juza dan il-passaġġ. Il-Kunsill iddeċieda li jieħu parir legali dwar din l-ittra u nkariga lill Dr. Rita Mifsud għal dan il-għan. Eucharist Camilleri qal li hu illu 45 sena jgħaddi minn dan il-passaġġ u ħadd qatt ma informah li huwa privat. Mal-Kunsill ilmentaw wkoll xi residenti oħra minn Nadur li qalu li huma ilhom jgħaddu minn dan il-passaġġ għal madwar 80 sena.

**13.** **Applikazzjoni PA00852/12.** Il-Kunsill ġie pprezentat kopja ta' petizzjoni kif ukoll kopja ta' ittra ta' oġġezzjoni dwar l-applikazzjoni PA00852/12 "Change of use from class 4 to gaming parlour and proposed internal alterations". Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel oġġezzjoni dwar dan l-izvilupp għal dawn ir-raġunijiet: ikun hemm impatt negativ fuq it-tfal tal-lokal; dan is-sit huwa fiċ-ċentru tar-raħal u huwa fi triq li jgħaddu minnha t-tfal li jkunu sejrin l-iskola; hemm "bus stop" fil-viċinanza fejn ikun hemm ħafna zgħazagħ jistennew il-bus; dan is-sit huwa traffikuz ħafna u dan it-tip ta' stabilament ser iġib aktar kongestjoni; ma hemmx spazu ta' ipparkjar biżżejjed; u n-

Nadur huwa magħruf għall-kwiet u trankwilita u dan it-tip ta' stabilament ma jaqbilx ma' l-ambjent.

14. **Speed Hump.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Connie Bonello ta' Triq tad-Duru. Hi lmentat dwar l-ispeed hump li hemm ħdejn ir-residenza tagħha. Din qed toħloq ħafna storbju u dħaħen mill-karrozzi. Il-Kunsilliera qablu li din l-ispeed hump għandha titneħħa.

15. **Financial Statements.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġie informat li ser jiġi mogħti lura nofs l-ammont tal-multa li l-Kunsill gie imultat minħabba li r-rapporti (Financial Statements) daħlu tard is-sena l-oħra. Il-Kunsill mhux kuntent b'dan għaliex it-tort ma kienx tal-Kunsill iżda ta' l-awdituri. Għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment dwar dan.

16. **Servizzi mill-Banda Mnarja.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-kumitat tal-Banda Mnarja dwar servizzi minnhom. Huma nformaw lill-Kunsill li l-ħlas ser ikun ta' €550 peress li l-bandisti talbu zieda tas-servizz tagħhom. Il-Kumitat talab ukoll €200 sabiex il-Kunsill jagħmel użu minn spazju fil-pubblikazzjoni tagħhom li joħroġ fl-Imnarja. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill għandu jagħmel użu minn dawn iż-żewġ paġni. Il-Kunsill għandu japprova l-materjal qabel ma jiġi ppubblikat.

17. **Bozza Gdida fi Triq Sant Indrija.** Is-Sindku ġie mitlub li titwaħħal bozza ġdida fi sqaq fi Triq Sant' Indrija. Il-Kunsilliera qalu li l-ewwel irridu nkunu zguri li dan l-isqaq mhux privat.

18. **Enemalta.** Il-Kunsill bagħat ir-rapport mingħand il-perit Emanuel Vella dwar il-bejt tas-sala tal-Kunsill lill-Enemalta kif kien mitlub.

19. **Kwotazzjonijiet.** Il-Kunsill talab kwotazzjonijiet (taħt l-ammont ta' €1165.) mingħand xi kuntratturi. Dan ix-xogħol kien urġenti. Peress li ma kienx ser ikun hemm laqgħa tal-Kunsill f'dawn il-ġranet, il-kwotazzjonijiet infetħu fil-prezenza ta' xi kunsilliera u membri tas-sotto kumitat qabel laqgħat tas-sotto kumitat organizzativ. Il-kwotazzjonijiet inghataw lill-aktar wieħed vantaġjuz. Ġie spjegat lill-Kunsilliera l-ġodda li normalment l-offerti u kwotazzjonijiet jinfetħu waqt laqgħa tal-Kunsill. Il-proċedura huwa li xogħolijiet u materjal taħt l-ammont ta' 1165 jistgħu jingħataw direct order, minn 1165 sa 4658 obligati li joħorġu sejħa għall-kwotazzjoni (li jidhru fuq il-gazzetta tal-gvern u l-Malta Independent u minn 4658 l'fuq sejħa għall-offerti.

20. **Song Festival.** Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar l-organizzazzjoni tas-Song Festival 2012. Huma għamlu l-posters u użaw l-arma tal-Kunsill tan-Nadur. Il-Kunsilliera ma qablux li dawn użaw l-arma qabel ma' l-Kunsill ħa deċizjoni dwarha. Il-Kunsill iddeċieda li

jixtru 20 biljett għal din l-attivita iżda ma jidħolx fl-organizzazzjoni ta' l-attivita.

21. **Triq ta' Said.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand zewġ residenti ta' sqaq fi Triq ta' Said. Huma lmentaw li għandhom problema ta' l-ilma tax-xita minn Triq Dun Gorg Preca. Eucharist Camilleri informa lill-Kunsill li meta sar dan is-sqaq bil-pavementar kienet saret kattusa biex jgħaddi l-ilma tax-xita minn ġo fiha. Is-Segretarja qalet li fil-passat il-ħaddiema tal-Kunsill kienu jiġu mitluba sabiex innadfu l-grada fejn kien jaqa l-ilma tax-xita. Dan ix-xogħol ilu ħafna ma jiġi mitlub u jista' jkun li hemm xi blokk. Is-Sindku għandu jmur jara fuq is-sit.

22. **Attivita ta' Fund Raising.** Il-Kunsill irċieva email mingħand Dr. Valerie Said li qed torganizza flimkien ma grupp ta' ġenituri oħra attivita ta' fund raising nhar il-Ħamis 7 ta' Gunju 2012 fil-ground Peter Paul Camilleri fin-Nadur b' risq ic-Cresche tal-Ursolini. Hi talbet għajnuna mill-Kunsill għal dan il-għan. Il-Kunsilliera qablu li jingħata l-palk tal-Kunsill iżda dan ma jitpoġġiex fuq it-turf artifiċjali sabiex ma jsirx ħsara u li jgħin fil-pubblikazzjoni ta' poster dwar din l-attivita sa' €100.00.

23. **Sinjali Sofor.** Miriam Portelli ġibdet l-attenzjoni dwar sinjali sofor li sarru fi Triq San Gakbu quddiem il-ħanut (grocer). Hi staqsiet dawn sarux mill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kellux x'jaqsam ma dawn is-sinjali. Miriam Portelli qalet li mhux aċċettabli li jsiru sinjali mingħajr ma l-Kunsill ikun jaf bihom. F'dan il-kaz is-sinjal huwa twil ħafna u mhux biss quddiem il-bieb tal-ħanut.

24. **Xogħolijet tal-Gvern Centrali. Ġew diskussi** diversi xogħolijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilita tal-Gvern Centrali, fosthom it-taraġ fil-bajja ta' Dahlet Qorrot u l-ħajt li waqa' f'Ta' Xordin. Barra dawn hemm it-toroq arterji fin-Nadur li jinsabu fi stat ħazin ħafna. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob laqgħa mad-Direttur Joe Portelli u l-Ministru għal Għawdex sabiex jiġu diskussi dawn il-problemi fin-Nadur.

25. **Triq David Cocco Palmeri.** Il-Kunsill irċieva lment mingħand Salvu Camilleri li għandu residenza fi Triq David Cocco Palmeri. Meta sar ir-resurfacing f'din it-triq hu kien imsiefer. Issa meta ġie biex jgħix hawn sab li l-livell tat-triq inbiddel u qed ikollu ħsara minn l-ilma tax-xita peress li t-triq ġiet għolja iżjed minn qabel. Is-Sindku qal li ser immur jara l-ilment eżatt x'inhu sabiex naraw x'nistgħu nagħmlu.

26. **Imwejjed u Siġġijiet.** Il-Kunsill irċieva ilment mingħand l-ex Viċi Sindku Andrew Muscat dwar l-imwejjed u siġġijiet li hemm barra quddiem il-propjeta tiegħu fi Pjazza l-Arċipriet Martin Camilleri. Hu ilmenta li dawn mhux suppost jinżammu barra il-ħin kollha iżda għandhom jinħarġu barra wara is-

7:00 ta' filgħaxija. Hu qal li barra hekk l-imwejjed suppost jinżammu fil-kaxxa apposta għalihom u mhux fuq il-bankina fejn qegħdin jimblokkow l-entratura tal-ħanut tiegħu.

27. **Ħarġa Kulturali.** Is-Sindku qal li hemm grupp minn Haz-Zabbar li jixtiequ jagħmlu ħarġa kulturali u jiġu n-Nadur. Dawn ser jiġu l-Erbgħa 4 ta' Lulju. Jisimgħu l-quddies in-Nadur, jżuru l-monti u l-Muzew Marrittimu u talbu li l-Kunsill joffrilhom kafe u snacks. Dan jiġi rreċiprokat meta grupp minn Nadur jmur ĦażZebbuġ.

28. **Ċimiterju Ġdid.** Il-Kunsill ġie mitlub mill-Arċipriet Jimmy Xerri biex mill-ġdid il-Kunsill iġġedded pubblikament l-appoġġ tiegħu favur dan il-proġett. Il-Kunsill unanimament jappoġġja dan il-proġett peress li huwa bzonjuz u li dan l-apoġġ ser ngħamluh pubbliku. Maria Natoli u Josianne Cutajar qalu li dan il-proġett għandu jitkompla sakemm issir skont il-permess tal-MEPA u skont il-liġi. Din l-ittra għandha tiġi ddraftjata mill-Avukat Dr. Rita Mifsud u għandha tintbagħat lill-Kunsilliera biex jarawha qabel ma tingħata lill-arċipriet .

29. **Bajja ta' Daħlet Qorrot.** Is-Sindku qal li hemm xi ġebel (blat) li qiegħed f'periklu li jaqa' fuq l-għerien ta' Daħlet Qorrot. Hu ssuġġerixxa li dawn jitneħħew. Il-Kunsilliera ma qablux miegħu għaliex qalu li jista jkun li nagħmlu aktar ħsara jekk immissuhom. Il-Kunsill għandu jibgħat lill-Mepa dwar dan. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li jsir dawl bis-solar f'dan il-bajja. Il-Kunsill għandu jġib stima ta' dawn. Issemma ukoll it-taraġ li hemm imwaqqa' u perikuluż. Is-Segretarja qalet li dan l-ilment waslitu għand il-Ministeru għal Għawdex. Issemma wkoll it-triq li tagħti għall-bajja fejn hemm l-arkati. Dan qiegħed fi stat ħazin u għandu bzonn manutenzjoni.

30. **Sotto Kumitat: Gemellaġġi u Kuntatti barra minn Malta**. Fuq talba tal-Kunsilliera Maria Natoli li hija nkarigata mill-Gemellaġġi u relazzjonijiet u kuntatti barra minn Malta ser jinħatar sotto kumitat. Ġew innominati dawn il-persuni għal dan is-sotto kumitat: Ines Buttigieg, Peter Paul Buttigieg, Edward Said, Dr. Edric Micallef, Lina Mifsud, Mary Gurr, Maria Galea, Peter Mifsud, Monique Cauchi u Frankie Meilak.

31. **Wied Binġemma.** Sar il-patching bit-torba fi Triq Wied Binġemma. Il-Kuntrattur Nicky Saliba għandu jkompli x-xogħol din il-ġimgħa. Il-Kunsill qiegħed f'diskussjoni mad-Direttur Anthony Zammit dwar il-possibilta li jsir gandott ta' l-ilma taħt l-istess skema.

32. **Toroq Arterjali.** Gie diskuss l-istat ħażin ta' diversi toroq arterjali fin-Nadur. Fosthom it-toroq: Ħanaq, Ramla, Għajn Qasab, Tiġrija u Qala. Barra dawn it-toroq hemm in-nuqqas the servizz ta' drenaġġ fi Triq il-Qortin u għalhekk din it-Triq ma saritx bit-tarmac**.** Is-Sindku staqsa jistax jkun il-kaz li biex

intaffu ftit mit-tbatija tar-residenti, ‘il quddiem naraw kif nistgħu ngħamlu partijiet minn dawn it-toroq, forsi anke bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali. Maria Natoli u Josianne Cutajar insistew li dawn huma responsabbilita ta’ gvern ċentrali u l-Kunsill ma jistax jidħol għalihom. Għandha ssir pressjoni fuq il-Gvern Centrali biex dawn it-toroq issiru. Eucharist Camilleri staqsa għaliex il-Kunsill ma għamilx Triq ir-Ramla (il-parti li taqa’ taħt ir-responsabbilita tal-Kunsill). Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill jrid iħallas it-toroq li saru taħt l-iskema tal-PPP li ġew jiswew izjed minn €500,000. Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jkun ċert li t-toroq tal-PPP ma jżċmmux l-ilma.

33. **Affarijiet Oħra.** Josianne Cutajar qalet li ġiet avvicinata minn Dominic Falzon dwar l-istat tat-triq ta’ l-Irdum. Is-Sindku qal li hu diġa mar jara din it-triq kemm-il darba u anke tkellem mas-sur Falzon fuq il-post. Josianne Cutajar ġiet avviċinata ukoll minn Chris Camilleri dwar bzonn ta’ passaġġ fir-raba fl-inħawi tar-Ramla. Dan il-passaġġ diġa nafu bih izda hemm talbiet għall-passaġġi aktar antiki li jridu jsiru. Is-Sindku semma il-passaġġ f’Ta’ Majza u qal li dan għandu jsir minnufih. Miriam Portelli qalet li dan kellu jsir iżda kien hemm bzonn li jinbnew xi ħitan qabel. Il-konkos ser jitħallas mill-Ministeru għal Għawdex filwaqt li l-Kunsill ser iħallas l-ispejjes tax-xibka. Ix-xogħol għandu jsir mis-sidien tal-propjeta. Josianne kompliet tgħid li Adelina Buttigieg għandha bozza fis-sqaq li mhux tixgħel, għandha sinjal isfar li għandu bżonn jinżebaħ u hemm bżonn kinsa fit-triq. Josianne Cutajar staqsiet jekk is-sinjal isfar li hemm fi Triq tad-Duru jistax jitneħħa parti minnu. Hi ġiet informata li dan diġa kien ġie diskuss. Dan is-sinjal sar fuq talba wara li kien hemm ilmenti li kien hemm diffikulta biex tgħaddi minn din it-triq għaliex il-karrozzi kienu ikunu pparkjata fuq żewġ naħat. Is-sinjal huwa approvat mit-Transport Malta. Il-Kunsill iddiskuta li jkun perikuluz jekk jitneħħa parti minnu. Josianne Cutajar staqsiet dwar bozza ġdida fi triq Franġisk Attard. Hi ġiet informata li l-Kunsill diġa ħa ħsieb li jħarrek bozza sabiex jiġi akkomodati is-sidien tal-garaxxijiet f’din it-triq. Is-sid tad-dar ma jridx li titwaħħal bozza mad-dar tiegħu. Hi ġiet informata li l-Kunsill għamel ukoll it-triq bil-konkos. Eucharist Camilleri talab biex titneħħa r-rampa ta’ Leli Cini fi Triq tad-Duru. Hu ġie informat li r-rampa saret fuq talba tas-sid tad-dar sabiex ikun jista jidhol u joħrog persuna li qiegħed f’wheelchair. Maria Natoli talbet li jsiru sinjali STOP fi Triq il-Qorti ta’ L-Uqija. Hemm il-ħaxix fi Triq David Cocco Palmeri. Hemm bzonn li s-siġar tal-pjazzetta jinżabru.

Il-laqgħa ntemmet fil-11:15 p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 22 ta’ Mejju fis-7:30 ta’ filgħaxija.